MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 2328/1999/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc. gia' Guardian Royal Exchange Assurence plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha M Demajo Group of Companies**

**vs**

**John Micallef**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici nomine ppremettiet:

Illi fil-21 ta' Novembru 1998 ghal xi s-2.30pm waqt li Francis Mangion kien qed isuq il-vettura Mercedes numru JMD 002 propjeta ta' l-assikurat tas-socjeta attrici nomine go Mdina Road, Attard, din sfat involuta f'incident

awtomobilistiku mal-vettura Escort numru IAL 104 misjuqa mill-konvenut (Dok 1):

Illi l-car numru JMD 002 kienet assikurata mas-socjeta' attrici nomine taht polza comprehensive u l-assikurat ghamel claim wara dan l-incident;

Illi d-danni tas-socjeta' attrici nomine kienu jammontaw ghal tlett'elef sitt mija u tlettax-il lira maltin (Lm3,613) bhala risarciment tal-ammont li sborsat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata skond il-polza kif ukoll spejjez ohra konnessi u risultanti mill-incident de quo ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici nomin giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha;

Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas id-danni attrici baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici nomine talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrbet is-socjeta' attrici nomine;

tillikwida d-danni tas-socjeta' attrici nomine fis-somma ta' tlitt elef sitt mija u tlettax-il lira maltin (lm3613) occorrendo bl-opera ta' periti mominandi; u

tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' tlett'elef sitt mija u tlettax-il lira (Lm3613) minnha sborzati biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata skond il-polza kif ukoll spejjez ohra konnessi u risultanti

mill-incident de quo ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju 1999 u dawk ta' l-ittra ufficjali (presentata kontestwalment ma' dan l-att) ghal notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bil-proceduri odjerni a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mit-8 ta' Gunju 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi, stante illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort ta' Francis Mangion li fil-hin tal-incident kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JMD-002 b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolameni tat-traffiku skond il-ligi;

Illi Francis Mangion issorpassa zewg trailers bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JMD-002 li kien qed isuq u minhabba dan qabez iz-zewg linji bojod tat-traffiku u bhala konsegwenza sehh l-incident awtomobilistiku in kwistjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-atturi;

Semghet il-konvenut u x-xhieda minnu prodotti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-aprtijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta li fil-21 ta’ Novembru 1998, gewwa Mdina Road, Attard, ghal xi s-2.30pm, sehh incident stradali li fih kienu involuti l-vettura tal-marka Mercedes numru ta’ registrazzjoni JMD 002 prorjeta tal-assikurati tas-socjeta attrici nomine u misjuqa minn Francis Mangion u l-vettura tal-marka Escort numru ta’ registarazzjoni IAL 104 misjuqa mill-konvenut. Din l-ahhar vettura kienet proprjeta ta’ missier il-konvenut. Is-sewwieq tal-vettura tal-assikurati tas-socjeta attrici kien sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat filwaqt li l-konvenut kien sejjer fid-direzzjoni opposta cioe d-direzzjoni ta’ Attard;

L-imsemmija vettura numru JMD 002 kienet assikurata mas-socjeta’ attrici nomine taht polza comprehensive. L-istess socjeta attrici nomine hallset lill-assikurati taghha s-somma ta’ tlett’elef sitt mija u tlettax-il lira maltin (Lm3613) bhala risarciment tad-danni kollha sofferti mill-istess assikuarti bhala konsegwenza ta’ dan l-incident. Ghalhekk l-istess socjeta’ attrici nomine giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha sal-imsemmi ammont;

Is-socjeta attrici tippretendi li dan l-istess incident sehh tort tal-konvenut li ghalhekk hu responsabbli ghad-danni konsegwenzjali. Ghalhekk is-socjeta attrici nomine qed titlob li l-konvenut jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni, li jigu likwidati d-danni kollha u dana fis-somma ta’ Lm3613 u li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-danni hekk likwidati;

Fid-dikjarazzjoni taghhhom l-atturi jispecifikaw li l-vettura in kwestjoni giet dikjarat bhala “beyond economical repair.” Il-pre accident value tal-vettura kien valutat fl-ammont ta’ tlitt elef u tmien mitt lira (Lm3800) waqt li l-valur tar-wreck kien mitejn lira (Lm200). Fil-fatt is-socjeta attrici nomine bieghet il-fdal lil terzi ghall-prezz ta’ mitejn lira (Lm200). Is-socjeta attrici nomine inkorriet survey fee

ta’ ghaxar liri (Lm10) u tliet liri (Lm3) biex sar ir-rilaxx tal-isketch u road accident report. Ghalhekk id-danni tas-socjeta attrici nomine kienu jammontaw komplessivament ghal tlitt elef sitt mija u tlettax-il lira (Lm3613) liema ammont kien sborsat mis-socjeta attrici nomine biex jigi ndennizzat l-assikurat taghha;

Il-konvenut, da parti tieghu, qed jeccepixxi li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tas-sewwieq tal-vettura l-ohra, cioe’ Francis Mangion, li issorpassa zewg trailers u minhabba f’hekk qabez iz-zewg linji bojod tat-traffiku u b’hekk sehh l-incident awtomobilistiku in kwistjoni;

Mill-provi prodotti jirizulta li dan l-incident sehh fil-karreggjata minn fejn kienet niezla l-vettura tal-assikuarti tal-atturi u ghalhekk fuq in-naha l-hazina tat-triq ghar-rigward tad-direzzjoni li fiha kien ghaddej il-konvenut. Dan jirrizulta kemm minn dak li qal l-ufficjal tal-pulizija li mar biex jinvestiga l-kollizzjoni, kif ukoll mill-iskizz li ppresenta l-istess ufficjal tal-pulizija;

Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut mar fuq in-naha l-hazina tat-triq fejn kienet ghaddejja l-vettura tal-assikurati tas-socjeta attrici u b’hekk sehhet il-habta in kwestjoni. Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut qabez il-linji bojod doppji li jifirdu z-zewg karreggjati fit-triq in kwestjoni;

Difatti s-sewwieq tal-vettura tal-assikurati tal-atturi kkonferma li huwa kien sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat u kien qed isuq lejn in-nofs tat-triq, Kien qed isuq bil-mod u kien hemm traffiku fil-karreggjata tieghu kemm quddiemu kif ukoll warajh. Meta kien f’liwja ra l-vettura misjuqa mill-konvenut gejja mid-direzzjoni opposta b'velocita' pjuttost qawwija. Il-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura li kien qed isuq u zgiddja ghal fuq il-karozza tal-assikurati tal-atturi;

Da parti tieghu l-konvenut ikkonferma li huwa ra l-vettura l-ohra involuta f’din il-kollizzjoni qed taqbez vettura ohra, heavy vehicle, u ghalhekk is-sewwieq tal-vettura tal-assikurati tal-atturi mar fuq in naha l-hazina tat-triq cioe'

fil-karreggjata fejn kien ghaddej l-istess konvenut. Il-konvenut jghid li ghalhekk saret din il-habta;

In vista tar-rizultanzi l-konvenut mhux kredibbli, b'mod psartikolari in vista tal-fatt li irrizulta li l-habta sehhet fuq in-naha l-hazina tat-triq ghar-rigwar tad-direzzjoni li fiha kien qed isuq l-istess konvenut;

Fid-dawl ta' dan kollu l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabli ghal din il-kollizzjoni. Ma tirrizulta ebda responsabilita kontributorja minn naha tas-sewwieq tal-vettura tal-assikurati tal-atturi;

Jirrizulta li l-vettura tal-assikurati tas-socjeta attrici garbet hsarat estensivi u ma kienx ekonikament vijabbli li l-istess vettura tigi imsewwija. Jirrizulta ukoll li l-valur ta' din il-vettura qabel l-incident in kwestjoni kien ta' Lm3800 filwaqt li l-"wreck value" gie stmat fis-somma ta' Lm200. Ghas-survey thallset is-somma ta' Lml0 u thallset ukoll is-somma ta' Lm3 ghar-rapport tal-Pulizija. Ghalhekk jirrizulta li d-danni kollha komplessivament jammontaw ghas-somma ta' Lm3613;

Fid-dawl ta dak kollu li gie premess l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu rigettati filwaqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrbet is-socjeta' attrici nomine, tillikwida dawn id-danni fis-somma komplessiva ta' tlitt elef sitt mija u tlettax-il lira maltin (lm3613) u tikkundanna l-

konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine l-istess somma ta’ tlett’elef sitt mija u tlettax-il lira (Lm3613) in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------